

ESPERT FL-IŻVILUPP TAL-KAPITAL UMAN AVVIŻ TA' POST BATTAL

Listta ta' riserva - Aġenti temporanji - grupp ta' funzjonijiet AD, grad 7

Lest għall-isfida kbira li jmiss tiegħek?

L-ETF qed tfitteż esperti fl-iżvilupp tal-kapital uman (HCD) biex jikkontribwixxu għall-implementazzjoni b'suċċess tal-istrateġija tagħha.

Għandek esperienza ta' xogħol f'wieħed jew aktar minn dawn id-dominji tematiku?

- analiżi tad-domanda tal-ħiliet / politiki attivi tas-suq tax-xogħol
- involviment tal-intrapriżi fl-iżvilupp tal-ħiliet
- politiki ta' tagħlim tul il-ħajja
- politiki u azzjonijiet ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol

Għandek passjoni għall-iżvilupp tal-kapital uman u inti ġerqan li tappoġġa r-riformi tal-politika ta' pajjiżi fejn taħdem I-ETF? Għaldaqstant nixtiequ nisimgħu mingħandek!

X'inhi I-ETF?

L-ETF hija aġenzija tal-UE bbażata f'Turin, l-Italja. Din tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni u lil dawk li qed jiżviluppaw jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

Aħna nappoġġaw pajjiżi li jinsabu fil-fruntiera mal-UE biex itejbu s-sistemi vokazzjonali u tat-taħriġ tagħhom, janalizzaw il-ħtiġiġiet tal-ħiliet, u jiżviluppaw is-swieq tax-xogħol tagħhom. B'dan il-mod, aħna ngħinuhom itejbu l-koeżjoni soċjali u jiksbu aktar tkabbir ekonomiku sostenibbli, li konsegwentement ikun ta' beneficiċju għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom billi jittejbu r-relazzjonijiet ekonomiċi.

X'qegħdin noffru?

Tip ta' kuntratt: Aġent temporanju — Grupp ta' Funzjoni AD, grad 7.

Tul tal-kuntratt: 3 snin, li jista' jiġedded — jew għat-tul ta' proġett speċifiku, soġġett għal perjodu ta' prova.

Salarju tipiku għal: għal impjegat waħdu, b'sitt snin ta' esperienza professjonali rilevanti; madwar EUR 4,690 nett / xahar; jew għal impjegat, b'sitt snin ta' esperienza professjonali rilevanti, beneficiċju tal-espatrijazzjoni u wild dipendenti wieħed: madwar EUR 6,650 nett / xahar.

X'se tagħmel u kif se taħdem?

Bħala espert tal-HCD, inti se taħdem mill-qrib ma' esperti u membri oħra tat-tim. Se tiżviluppa relazzjonijiet produktivi u ta' kooperazzjoni kemm fi ħdan l-ETF kif ukoll esternament. Se tuża ħiliet ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub ma' diversi partijiet ikkonċernati. Inti organizzat ħafna u ħaddiem f'tim li taħdem b'moħħok miftuħ, b'mod entużjast u proattiv.

Se tkun involut fi proġett tal-ETF wieħed jew aktar b'iffukar fuq suġġetti definiti fl-istratēġija tal-ETF.

Se tkun responsabbi li:

- tappoġġa l-iżviluppi ta' politika f'wieħed jew aktar mid-dominji tematiċi msemmijin hawn fuq
- tappoġġa l-monitoraġġ tal-politiki tal-HCD u tagħti pariri dwar il-politika
- taġixxi bħala uffiċjal ta' kollegament tal-pajjiż: tiżviluppa u żżomm relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati f'pajjiż speċifiku
- tikkontribwx xi għall-iprogrammar tal-UE u għall-proċessi tad-djalogu ta' politika fl-HCD
- tagħmel użu minn evidenza kwantitattiva u kwalitattiva dwar żviluppi tematiċi u tal-pajjiżi, bħala parti minn studji/rieżamijiet ta' kwistjonijiet tal-HCD
- tikkondivid i-l-gharrien permezz ta' media differenti u li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati bl-użu ta' metodi innovattivi, inkluż l-iffaċilar tal-avvenimenti, u l-użu tal-media soċjali u n-networking
- tikkonnettja u tissieħeb mas-servizzi tal-UE, il-pajjiżi sħab u l-komunità internazzjonali

Se tivvjaġġa kemm lejn il-pajjiżi fejn taħdem l-ETF kif ukoll lejn l-Istati Membri tal-UE.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

Sabiex titqies bħala eliġibbli, inti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- 1 Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-pajjiżi fejn taħdem l-ETF, eskuži l-Belarus u r-Russia
- 2 Tgawdi minn drittijiet sħaħ bħala ċittadin
- 3 Tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu impost mil-liġi rigward is-servizz militari
- 4 Tkun fiżikament b'saħħek biex twettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-kariga
- 5 Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas sitt snin ta' esperjenza professionali jew
Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti b'mill-anqas seba' snin ta' esperjenza professionali
Jistgħu jiġu kkunsidrati biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritatjiet fl-Istati Membri msemmija.
- 6 Ikollok għarrien tajjeb (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jew CEFRL) ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u jkollok għarrien sodisfaċenti (livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont is-CEFRL), ta' lingwa oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompli.

Kriterji tal-Għażla

Ii-kandidati għandu jkollhom:

Esperjenza professjonalni

- minimu ta' sitt snin - matul l-aħħar 10 snin - ta' esperjenza professjonalni fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman, skont it-taqṣima: X'se tagħmel u kif se taħdem?
- bħala parti mis-sitt snin ta' esperjenza fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman - mill-inqas tliet snin f'wieħed jew aktar mid-dominji tematiki tal-ETF imsemmijin hawn fuq
- esperjenza ta' xogħol fi jew għal ekonomiji ta' tranżizzjoni u/jew li qed jiżviluppaw

Għarfien u ħiliet tekniċi

- għarfien tajjeb ħafna tal-HCD f'wieħed jew aktar mid-dominji tematiki tal-ETF imsemmijin hawn fuq
- għarfien u ħiliet tajbin ħafna fil-proċessi ta' konsulenza politika, għodod u strumenti fl-HCD
- għarfien u ħiliet tajbin ħafna fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni fl-oqsma tematiki tal-ETF
- ħiliet tajbin ħafna fl-applikazzjoni tal-politiki tal-UE u globali fi ħdan il-programmi u l-istruментi fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp
- ħiliet tajbin ħafna fin-networking u s-sħubijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali
- ħiliet digżitali
- Ingliż: livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-QKERL

Ħiliet personali tajbin ħafna

- fl-adattabbiltà
- fl-analiżi
- sensibilizzazzjoni u sensitività transkulturali
- fit-trawwim ta' relazzjonijiet kollaborattivi
- fil-komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub
- f'organizzazzjoni awtonoma

Assi

- għarfien u ħiliet f'wieħed jew aktar mill-oqsma trasversali għall-HCD: digżitali, ambjentali, tal-ġeneru
- Għarbi, Franċiż jew Russu: livell B2 fid-dimensjonijiet kollha skont il-QKERL

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija t-18 ta' Mejju 2022 fil-23.59 (ħin ta' Turin).

Inti mistieden tibgħat l-applikazzjoni tiegħek permezz tas-sit web tal-ETF, taħt it-taqsimiet “dwar” u mbagħad “reklutaġġ”.

Nirrakkmandaw bil-qawwa li ma tistenniex sal-aħħar ġurnata biex tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għaliex traffiku kbir tal-internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-ETF ma tistax tinżamm responsabbi għal kwalunkwe dewmien fl-applikazzjoni tiegħek minħabba diffikultajiet bħal dawn.

Rekwiżiti formali

Inti trid tipprovdi d-dokumenti kollha msemmija hawn taħt, sad-data tal-għeluq, preferibbilment bl-Ingliż:

- ittra ta' akkumpanjament ta' massimu ta' paġna waħda, li tispjega għalfejn inti interessat fil-pożizzjoni, u d-dominju/i tematiku/tematiċi li tixtieq tikkontribwixxi għaliex/għalihom
- curriculum vitae permezz tal-format tas-CV tal-Europass

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi online permezz tas-sit web tal-ETF biss, f'konformità mar-rekwiżiti formali msemmijin hawn fuq u li jindikaw id-dominju/i tematiku/tematiċi, se jiġu aċċettati għall-fażi tal-għażla.

Għażla

Il-proċess tal-għażla jinkludi tliet fażijiet konsekutivi:

Fażi 1 – Eżami tal-applikazzjonijiet

1.1 Eliġibbiltà

It-tim tar-Reklutaġġ se jirrieżamina l-applikazzjonijiet kollha. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u r-rekwiżiti formali kollha biss jgħaddu għall-fażi li jmiss.

1.2 Għażla għall-intervisti u t-testijiet bil-miktub

Abbażi tal-informazzjoni pprovdua fil-curriculum vitae, il-bord se jivvaluta l-applikazzjonijiet skont l-esperjenza professjonal, il-ħiliet tekniċi meħtieġa u l-assi. Il-kandidati li jippreżentaw l-aktar applikazzjonijiet xierqa se jiġu mistiedna jattendu għal intervista u għal testijiet bil-miktub. Huwa mistenni li se jiġu mistiedna madwar 6 kandidati.

L-ETF qed tistenna numru kbir ta' applikazzjonijiet. B'konsegwenza ta' dan, il-kandidati li jintgħażlu fil-lista qasira biss se jiġu kkuntattjati mit-tim tar-reklutaġġ. Dan huwa mistenni li jseħħi f'Għunju 2022.

Fażi 2 – Intervisti u testijiet bil-miktub

Il-bord se jivvaluta l-esperjenza professjonal tal-kandidati u l-ħiliet meħtieġa għall-kariga u għal Aġenti Temporanji tal-UE permezz ta' intervista u testijiet bil-miktub. Mill-inqas parti waħda tat-testijiet se tiġi evalwata b'mod anonimu. L-intervista u t-testijiet bil-miktub se jsiru primarjament bl-Ingliż.

Mat-tlestja ta' din il-fażi, il-bord se jippreżenta quddiem id-Direttur tal-ETF lista ta' kandidati meqjusa l-aktar konformi mal-kriterji tal-għażla - wara li jkunu laħqu mill-anqas:

- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet personali, u
- 70 % tal-punti allokat għall-ħiliet tekniċi u l-esperjenza professjonal rilevant

Din il-fażi hija mistennija li ssir bejn nofs Ġunju u nofs Lulju 2022. Din tista' tiġi organizzata mill-bogħod.

Fażi 3 – Lista ta' riżerva

Meta titqies il-proposta magħmula mill-bord, id-Direttur tal-ETF se jistabbilixxi lista ta' riżerva bil-kandidati l-aktar xierqa.

Din il-lista se tkun valida sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-validità tagħha tista' tiġi estiża jekk jiddeċiedi hekk id-Direttur. L-inklużjoni fil-lista ma tiggarantixx offerta ta' impieg..

Meta pożizzjoni ssir battala jew tkun trid tiġi koperta, id-Direttur jista' joffri impieg l'il kandidat fil-lista li I-profil tiegħu jissodisa l-aħjar il-ħtiġijiet tal-ETF fdak il-mument.

Ix-xogħol tal-bord

Ix-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-bord huma kufidenzjali b'mod strett u kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu mhuwiex permess. F'każ li dawn jiġu kkuntattjati, dan jista' jikkostitwixxi raġunijiet għal skwalifika mill-proċedura.

Kundizzjonijiet kuntrattwali

Kuntratt ta' impieg

Il-kuntratt ta' impieg għandu jew (a) durata fissa ta' tliet snin u jista' jiġġedded jew (b) durata ta' proġett speċifiku. Huwa soġġett għal perjodu ta' prova ta' disa' xħur.

Il-kuntratti ta' Aġent Temporanju huma skont I-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Implieg Applikabbi għall-Aġenti l-Oħra (CEOS) tal-Unjoni Ewropea. B'dan it-tip ta' kuntratt, l-impiegat ikun marbut bis-CEOS kif ukoll bir-Regoli ta' Implementazzjoni rilevanti.

L-ETF se tkun marbuta bil-kuntratt ta' impieg li jiġi offrut biss jekk il-kandidat magħżul, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, ikun:

- ipprova kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova tal-eliġibbiltà tiegħu, inkluż rapport nadif tal-pulizija;
- għamel eżami mediku obbligatorju li jistabbilixxi li huwa jissodisa l-i-standard ta' saħħha fiżika neċċessarja biex jaqdi d-dmirijiet involuti;
- informa lill-ETF bi kwalunkwe kunflitt ta' interessa attwali jew potenzjali u jkun tqies li ma għandu l-ebda interessa personali b'tali mod li jdghajnejf l-indipendenza tiegħu jew kwalunkwe kunflitt ta' interessa ieħor.

Kontinwità tal-impieg bejn I-Aġenzi jiġi tal-UE

Jekk il-kandidat magħżul attwalment ikollu Kuntratt ta' aġent temporanju 2(f) u jikkwalifika għal trasferiment skont it-termini tas-CEOS, il-wisa' tal-banda għal din il-pożizzjoni li tista' tiġi akkomodata hija AD 6 - AD 8.

Salarju u beneficiċċi

Skont is-sitwazzjoni personali tagħhom, il-membri tal-personal jistgħu jkunu intitolati għal diversi beneficiċċi bħall-beneficiċċju tal-espatriazzjoni, il-beneficiċċu tal-unità domestika, il-beneficiċċu ta' wild dipendenti, il-beneficiċċu tal-edukazzjoni, eċċ. Is-salarju huwa soġġett għal taxxa Komunitarja mnaqqsa f'ras il-għajnejn u l-membri tal-personal huma eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali.

Informazzjoni addizzjonalni

Id-dokumenti pprovduti matul il-proċedura tar-reklutaġġ mhux se jiġu ritornati lill-kandidati, iżda se jinżammu fil-fajl għand l-ETF sakemm ikun meħtieġ u mbagħad jiġu meqruda.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kufidenzjalità tal-informazzjoni se tapplika għad-data personali kollha miġbura għal din il-proċedura.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fl-lstqarrija ta' Privatezza fuq is-sit web tal-ETF.

Il-kandidati li jħossu li l-interessi tagħihom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura jistgħu jressqu l-ment billi jsegwu l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit web tal-ETF.

NOTI: F'każ li jkun hemm diskrepanzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi, għandha tipprevali dik bil-lingwa Inglīża.